32005D0009

L 4/12 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 6.1.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' Diċembru 2004

## dwar pożizzjoni komuni tal-Komunità fuq deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-agrikoltura li temenda l-Anness 1, il-punt B9 tal-Anness 7 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti tal-agrikoltura

(2005/9/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Żvizzera (2002/309/KE, Euratom) ([1]), b'mod partikolari dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ ta' prodotti agrikoli ([2]), u specjalment ir-raba' inċiż tal-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kummerċ ta' prodotti agrikoli (iktar 'il quddiem il-"Ftehim agrikolu") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

(2) L-Artikolu 6 tal-Ftehim agrikolu jistabbilixxi Kumitat Konġunt tal-agrikoltura li huwa responsabbbli għall-ġestjoni tal-Ftehim u għat-tħaddim tajjeb tiegħu.

(3) Skont l-Artikolu 6(4) u(7) tal-Ftehim Agrikolu, il-Kumitat Konġunt tal-agrikoltura (iktar 'il quddiem il-"Kumitat Konġunt") adotta r-regolament intern tiegħu ([3]) fil-21.10.2003 u stabbilixxa l-gruppi ta' ħidma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Annessi tal-Ftehim Agrikolu ([4]). Il-grupp ta' ħidma għall-"prodotti tal-għeneb u tal-inbid" iltaqa' biex jinvestiga l-kwistjonijiet relatati mal-Anness 7 u l-implimentazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 27(1) tal-Anness 7 tal-Ftehim, u biex jifformula proposti li għandhom jiġu sottomessi lill-Kumitat Konġunt bil-għan li jiġu adattati l-Appendiċi tal-Anness 7, skont l-Artikolu 27(2) tal-Anness 7 tal-Ftehim. L-Artikolu 11 tal-Ftehim jistabbilixxi li l-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jsiru emendi għall-Annessi 1 u 2 u għall-Appendiċi tal-Annessi l-oħra tal-Ftehim.

(4) Il-Komunità għandha tieħu deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tadotta l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar l-emendi għall-Appendiċi.

(5) Il-Kummissjoni hija kompetenti biex tadotta pożizzjoni komuni fir-rigward tal-emendar tal-Appendiċi tal-Anness 7.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni Komunitarja li għandha tadotta l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-agrikoltura mwaqqaf mill-Artikolu 6 tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera relatata mal-kummerċ ta' prodotti agrikoli hija bbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-agrikoltura li hu Anness ma' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kap tad-delegazzjoni komunitarja fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-agrikoltura huwa awtorizzat li jadotta d-deċiżjoni f'isem il-Komunità. Għal dawk is-suġġetti li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura din l-awtorizzazzjoni tapplika għall-Kap tal-Unità responsabbli għar-relazzjonijiet bilaterali mal-Iżvizzera.

*Artkolu 3*

Id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-agrikoltura għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.
([3]) Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Lulju 2003; Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 1/2003 tal-21 ta' Ottubru 2003 dwar l-adozzjoni tar-regolament intern (ĠU L 303, 21.11.2003, p. 24).
([4]) Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Lulju 2004; Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 2/2003 tal-21 ta' Ottubru 2003 dwar it-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma u l-adozzjoni tal-mandati ta' dawn il-gruppi (ĠU L 303, 21.11.2003, p. 27).

*ANNESS*

Proposta ta'

**DEĊIŻJONI NRU …TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-AGRIKOLTURA STABBILIT MILL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA RELATAT MAL-KUMMERĊ TAL-PRODOTTI AGRIKOLI**

**tal- …**

**dwar l-Appendiċi 1, il-punt B9 tal-Anness 7**

(…/…/…)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, relatat mal-kummerċ ta' prodotti agrikoli, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu.

Billi:

(1) Dan il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

(2) L-Anness 7 għandu l-għan li jiffaċilita l-kummerċ ta' prodotti tal-għeneb u tal-inbid bejn il-Partijiet.

(3) Skont l-Artikolu 27(1) tal-Anness 7, il-Grupp ta' ħidma jinvestiga kull kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-Anness 7 u jifformula b'mod partikolari, skont l-Artikolu 27(2) tal-Anness 7, proposti li jippreżenta lill-Kumitat bil-għan li jadatta u jaġġorna l-Appendiċi tal-Anness 7.

(8) L-Appendiċi 1, il-punt B9 tal-Anness 7 jistabilixxi d-dokument ta' appoġġ tal-inbejjed importati mill-Iżvizzera skont l-arranġamenti mniżżlin fl-Appendiċi 1, il-punt B9 tal-ewwel verżjoni tal-Ftehim.

JIDDEĊIEDI:

*Artikolu 1*

Fl-Appendiċi 1 tal-Anness VII, il-punt B9 ġie ssostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2004.

Magħmula fi Brussell, …

| | |
|---|---|
| *Għall-Kumitat Konġunt tal-agrikoltura*<br>*Il-President*<br>Aldo LONGO | *Il-kap tad-delegazzjoni Żvizzera*<br>… … |

*ANNESS*

" 9. Għal kull importazzjoni ta' prodotti tal-għeneb u tal-inbid mill-Iżvizzera għandu jiġi ppreżentat id-dokument ta' appoġġ hawn taħt. Dan id-dokument ta' appoġġ jieħu l-post tad-dokument VI1 stipulat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2001 tal-24 ta' April 2001 li jippreskrivi regoli dettaljati biex ikun implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi ta' prodotti fis-settur tal-inbid ([1])

**Dokument ta' appoġġ** ([2]) **għat-trasport ta' prodotti tal-għeneb u tal-inbid li ġejjin mill-Iżvizzera** ([3])

<table>
<tr><td colspan="2" rowspan="2">1. Esportatur (isem u indirizz)</td><td colspan="2">2. Numru ta' referenza</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="2">4. Awtorità kompetenti Żvizzera tal-post tat-tluq<br>(isem u indirizz)</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="2">3. Destinatarju (isem u indirizz)</td></tr>
<tr><td colspan="2">6. Data tal-kunsinna</td></tr>
<tr><td colspan="2">5. Trasportatur u informazzjoni oħra relatati mat-trasport</td><td colspan="2">7. Post tal-kunsinna</td></tr>
<tr><td colspan="3">8. Deskrizzjoni tal-prodott</td><td>9. Kwantità</td></tr>
<tr><td colspan="3">10. Informazzjoni oħra</td><td>11. Lott (numru)</td></tr>
<tr><td colspan="4">12. Ċertifikati (għal ċerti nbejjed)</td></tr>
<tr><td colspan="4">13. Informazzjoni għall-esportazzjoni ta' nbejjed mhux fil-flixkun<br>Kontenut ta' alkoħol miksub:<br>Proċessar:</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="4">14. Kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE:</td><td colspan="2">15. Impriża u n-numru tat-telefown tal-firmatarju</td></tr>
<tr><td colspan="2">16. Isem tal-firmatarju</td></tr>
<tr><td colspan="2">17. Post u data</td></tr>
<tr><td colspan="2">18. Firma</td></tr>
</table>

([1]) ĠU L 128, 10.5.2001, p. 1.

([2]) Skont l-Anness 7, Appendiċi 1(B), il-punt 9 tal-ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-konfederazzjoni Żvizzera u l-Komunità Ewropea relatata mal-kummerċ ta' prodotti agrikoli.

([3]) Iż-żona ta' produzzjoni tal-għeneb magħżula biex jiġi stabbilit dan id-dokument hija t-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera."